- *difett moħbi – xerrej mhux obbligat jaħtar esperti*
- *- Artiklu  tal-Kodiċi Ċivili*

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rik. Ġur.    1184 /2008   GM**

**Greenlines Environmental Services Limited (C 14868)**

**vs**

**Julian Falzon**

**Seduta tat-28 ta' Marzu 2019**

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Ġuramentat  ipprezentat min Greenlines Enviromental Services Limited fis-27 ta' Novembru, 2008 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi talbu li:

1. Tiddikjara illi t-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni EBA 236 (illum GLS 017) hu milqut b'difetti moħbija u serji jirrenduh mhux tajjeb għall-għan li għalih inxtara tant li ma jistax jintuza u li jezistu

diskrepanza bejn it-trakk u d-deskrizzjoni li hemm fil-log book tal-istess truck.

2. Konsegwentement tiddikjara rexiss u risolut l-imsemmi bejgħ tat-trakk magħmul mill-intimat lis-soċjeta rikorrenti.
3. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrifondi lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' sittax il-elf ewro (16,000) rapprezentanti l-prezz ta' dan it-trakk.
4. Tordna illi jiġu mħassra u kanċellati kwalunkwe kambjali penenti u dovuti dwar il-bejgħ ta' dan it-trakk.
5. Tillikwida d-danni kaġunati lis-soċjeta rikorrenti minħabba l-fatt li t-trakk mixtri minnha ma jistax jintuza sabiex isir ix-xogħol li inxtara għalih, u tillikwida wkoll l-ispejjez li jridu jitħallsu lill-kunsinnatarju tat-trakk.
6. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li ġie intavolat ma' dan ir-rikors kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Julian Falzon fejn espona bir-rispett u bil-ġurament:

Illi hekk kif ser jiġi muri aktar fid-dettal matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante:

1. Illi t-tipping truck ford mgħammar bi krejn bin-numru ta' reġistrazzjoni EBA 235, illi GLS 017 ma huwa milqut b'ebda difetti latent.
2. Illi qabel il-bejgħ tal-vettura in kwistjoni, s-soċjeta attrici kienet infurmata mill-attur bid-differenzi fid-deskrizzjoni bejn it-trakk u

d-deskrizzjoni li hemm fil-log book ta' l-istess trakk bi-ftehim illi id-diskrepanzi li kien hemm jiġu regolarizzati mis-soċjeta' attriċi akkwirenti ta' l-istess trakk.

3. Illi għal kull dannu soffert mill-istess trakk taħti għalih biss is-soċjeta' attriċi b'konsegwenza ta' strapazz zejjed u uzu hazin ta' l-istess vettura.
4. Illi per konsegwenza, ma hemm l-ebda bazi li fuqha l-bejgħ ta' l-istess trakk għandu jiġi rexiss.
5. Illi l-kambjali pendent u dovuti dwar il-bejgħ ta' dan it-trakk għandhom jibqaw viġenti u jiġu infurzati stante li jirraprezentaw ammont li għadu dovut mis-soċjeta' rikorrenti versu l-konvenut rigward l-istess trakk.
6. Illi għar-raġunijiet esposti, l-ebda ħlas għal danni reklamati mis-soċjeta' atriċi jew spejjez mħallsa mis-soċjeta' attriċi għal-kirja ta' trakk ieħor u spejjez konċernati l-kunsinnatarju tal-vettura in kwistjoni ma huma dovuti mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidrat:

**(II) It-tilwima:**

Illi din hija kawża dwar difett moħbi fi trakk mibjugħ mill-konvenut lill-attriċi. Ġie kkonstatat mill-perit tekniku mqabbad mill-Qorti li x-xażi tiegħu huwa mgħawweġ għax ġie mgħobbi ż-żejjed. It-trakk ma jistax

jinstaq għaliex imkisser u biex jitranġa jirrikjedi l-bdil tax-xażi u manutenzjoni intensiva[1];

**(III) Il-fatti:**

Illi x-xogħol ewlieni tal-attriċi hu l-ġbir tal-iskart u żibel. Kellha bżonn *tipping truck* sabiex jinġabru l-iskips fih. Id-direttriċi tagħha, Suzanne Zammit, talbet lil ħabib tagħha Rupert Rapinett isibilha xi ħadd li kellu dan it-tip ta' trakk għall-bejgħ. Huwa qabbadha mal-konvenut. Kien jafu billi kien xtara track tal-istess tip mingħandu.[2] Marret ma' Rapinett għand il-konvenut u fit-13 ta' Ġunju 2008 xtrat it-trakk in kwistjoni;

Illi t-trakk oriġinarjament ma kienx *tipping truck* imma *refrigerated van* li l-konvenut biddel u għammar bi krejn. Il-konvenut ħa ħsieb id-dokument meħtieġa għat-trasferiment inkluż il-VRT, kif ukoll ċertifikazzjoni mingħand l-Inġinier Frederick Azzopardi sabiex setgħet issir il-Conversion u Discrepancy Note biex il-liċenzja tat-trakk tinħareġ bħala *tipping truck* u *high-up*;

Illi sa minn meta beda jintuża, t-trakk kellu l-problemi. L-ewwel żviluppaw *leaks* taż-żejt u tad-*diesel*, imbagħad il-brejks tar-roti ta' wara ma bdewx jiffunzjonaw. Zammit għarrfet lill-konvenut li wiegħdha li kien sejjer jirranġa d-difetti iżda naqas li jagħmel dan. Minħabba dawn il-problemi t-trakk beda jintuża' mill-inqas. Zammit ikkonsultat ma' Rapinett li xehed li sa mill-bidu, ma setgħux jidħlu l-gerijiet.[3] Ra t-trakk jitqammar wara tlett ġimgħat mix-xirja[4];

---

[1] Konklużjonijiet tal-Inġinier Emmanuel Scerri fir-rapport tiegħu, a fol 285
[2] Fol 72, affidavit tal-konvenut
[3] Fol 184 in kontroeżami
[4] Fol 185

Illi fil-bidu ta' Settembru 2008 marret issewwi dawn il-ħsarat iżda ġiet infurmata li t-trakk kellu ħsara fix-*chassis.* Sid il-garaxx, Saviour Gauci, taha parir tqabbad inġinier. Iżda mill-esperjenza tiegħu, dehrlu l-piż tal-krejn kien kbir wisq għat-trakk.[5] Iktar tard fl-istess xahar ta' Settembru 2008 Zammit marret flimien mal-Inġinier Magri u mal-konvenut għand Mike Service Station f'Ħal Qormi. L-inġinier Magri sab li x-xasi kien mgħawweġ minħabba li t-trakk ma kellux *chassis* rinfurzat, u li għaldaqstant ma kienx jiflaħ il-piż tal-krejn li l-konvenut kien żied fuqu;

Illi l-konvenut fl-istess okkażjoni aċċetta li t-trakk kellu ħsara fix-xażi iżda beda jinsisti li dan kien minħabba użu ħażin mill-impjegati tal-attriċi. Qal li seta' tħaddem il-krejn bis-saqajn mhux maħruġin bħala *high up* jew li għoliet il-kaxxa bil-*high up* imniżżel.[6] Magri wieġbu kien jeskludi li l-ħsara ġrat b'dan il-mod. Dan billi l-kaxxa fuq kellha *hollow section* tal-pulzier iġifieri kieku l-kaxxa pruvat tittella' bil-*high up* f'postu "żgur għallinqas kienet tiġi mmarkata, deformata dik iż-*channel* għax hija dgħajfa imqabbel mas-saħħa li għandu bżonn ix-xażi"[7]. Barra minn hekk, kieku ġara hekk it-trakk kien jinqaleb. Magri nnota wkoll li " Dan (id-diskors) tikkonfermaħ kemm Suzanne Zammit kif ukoll Saviour Gauci, li hu sid il-Mike Garage[8];

Illi fit-22 ta' Novembru 2008, permezz ta' ittra elettronika mill-avukat tiegħu, sostna li l-ftehim kien lil-konvenut sostna li kienet kundizzjoni tal-bejgħ li x-xażi kellu jiġi nfurzat mill-attriċi u dan kien rifless fil-prezz tal-bejgħ; u li t-trakk xorta seta' jintuża' sakemm il-krejn ma jiġix

[5] Fol 48, 50
[6] Fol 59
[7] Fol 60 Depożizzjoni tal-inġinier Magri
[8] Fol 51

użat ħażin. Din kienet verżjoni differenti minn dik oriġinali. Zammit ċaħdet li sar ftehim bħal dan. Fl-affidavit tiegħu il-konvenut sostna li dik l-ittra elettronika trid tittieħed fil-kuntest tagħha u ma kinitx qiegħda tirreferi għall-mument tal-bejgħ iżda għal wara li seħħet il-ħsara minħabba l-użu ħażin mill-impjegati tal-atttriċi[9];

Illi fit-Tweġiba Maħlufa tiegħu, il-konvenut imkien ma jallega li meta sar il-bejgħ kien hemm xi ftehim li l-attriċi kellha ssaħħaħ ix-xażi. Fit-tielet eċċezzjoni, il-konvenut jerġa' jallega li l-ħsara seħħet "b'konsegwenza ta' strapazz żejjed u użu ħażin tal-istess vettura". Hekk reġa' sostna fl-affidavit tiegħu[10]. Skontu, meta l-krejn jerfa' piż, saqajh iridu jitniżżlu u jisserrħu fuq blokok tal-injam (spacers) biex inaqqas il-pressjoni fuq ix-chassis.[11] Waqt is-smiegħ tal-provi jallega li l-impjegati tal-attriċi ma kinux ipoġġu *spacers* qabel jużawh[12]. Bħala prova ressaq lil David Pace, ex-ħaddiem mal-attriċi. Fl-affidavit tiegħu, Pace afferma biss li "ma jeskludix" li ħaddiema oħra ma kinux jużaw it-trakk kif suppost.[13] Kien hu li mar għand il-konvenut u għarrfu bl-użu minn ħaddiema oħra, għax skontu l-kuxjenza ma ppermettitlux li jeħel il-konvenut.[14] Ikkontro-eżaminat xehed li sar jaf x'qalet Zammit minn dak li qaltlu terza persuna;[15] li l-konvenut qatt ma qallu li Zammit kienet qed twaħħal fih li kien hu biss li saq it-trakk u għamillu l-ħsara[16]. Lill-konvenut mar ikellmu hu wara li nfetħet il-kawża u madwar sentejn wara l-bejgħ.[17] Dan għamlu minħabba dak li qallu impjegat tal-Greens; li kisser it-trakkijiet tal-attriċi. Lil Zammit ma kkonfrontahiex b'dan id-diskors.

[9] Fol 76
[10] Fol 74, para 14, affidavit tal-konvenut
[11] Fol 74, para 15
[12] Fol 74, para 16 affidavit tal-konvenut
[13] Fol 81, para 6, affidavit ta' David Pace, prodott mill-konvenut
[14] Fol 82, para 12, affidavit ta' David Pace
[15] Fol 105
[16] Fol 106
[17] Fol 108

Jammetti in kontro-eżami li "fuq xogħol bejnietna lletikajna" mid-dehra fuq xi tenders.[18] Jgħid fl-affidavit li "tgħawweġ xi trakk" minn ħaddiem ieħor imlaqqam *Il-Bugi* li minħabba f'hekk tah attakk tal-qalb. In kontro-eżami jgħid li kien l-istess trakk; meta nxtara Pace kien għadu ma bediex jaħdem mal-attriċi.[19] Jgħid li ġibdlilha l-attenzjoni li t-trakk mgħawweġ l-ewwel darba li kien se jaħdem fuqu[20]. Mistoqsi ghaliex fl-affidavit jikkonkludi li l-attriċi użat it-trakk ħażin meta ma jafx kif kien użah ħaddieħor, m'għarafx iwieġeb.[21] It-trakk użah kemm waħdu kif ukoll ma' ħaddieħor biex jgħabbi xi kartun. John Callus, Il-*Buġi*, giddeb lill-konvenut. Xehed li għalkemm ma kienx għadu jaħdem mal-attriċi, minħabba l-istat ta' saħħtu, talbitu jerġa' jaħdem magħha u tant tafdah li kellu ċ-ċwievet tal-*gate* tal-*yard* imnejn topera l-attriċi. Ċaħad li għamel ħsara lil xi trakk jew li kellu xi inkwiet minħabba xi trakk[22]. Emanuel Azzopardi, driver mal-attriċi, xehed li bit-trakk in kwistjoni kien jagħmel xogħol fuq cruise liners[23] u jġorr balal tal-plastik bejn 7, 8, kull waħda ta' ftit iktar minn metro. Rupert Rapinett, li għamel xogħol għall-attriċi meta t-trakk ma baqax jitħaddem, xehed kien iġorr l-istess tip ta' materjal mill-cruise liners[24]. It-trakk kien jintuża biex iġorr plastic mill-criuse liners li ma kienx tqil għax dak iż żmien ma kinitx għada bdiet taħdem fuq *bring-in sites*;[25]

Illi fis-27 ta' Novembru 2008 it-trakk ġie ddepożitat il-Qorti[26];

[18] Fol 112
[19] Fol 116
[20] Fol 117
[21] Fol 120
[22] Fol 135, affidavit ta' John Callus
[23] Fol 95
[24] Fol 93
[25] Xhieda tal-attriċi a fol 87
[26] Fol 13

Illi l-inġinier Magri kkonferma li persuna li mhix teknika u m'għandhiex esperjenza fuq krejnijiet li jitwaħħlu fuq trakkijiet ma setgħetx tinduna bid-difett li kellu t-trakk meta tiġi biex tixtrih.[27] Kemm l-Inġinier Magri kif ukoll l-inġinier Frederick Azzopardi, imqabbad mill-konvenut, ikkonfermaw li x-xażi ma jitgħawwiġx u jinqasam wara ftit minuti iżda xi żmien wara li jkun ġarr ċertu ammont ta' piż;

Illi jirriżulta mir-rapport tal-perit tekniku[28], li kull vettura simili jkollha mwaħħla magħha il-*manufacturer's plate* li turi d-*design weights* ossia *the greatest weights the vehicle is designed to carry safely.* L-intimat żied krejn li jiżen 2,000 kilogram. B'hekk meta t-trakk tgħabba mill-attriċi bil-piż korrett skont il-manifattur oriġinali tiegħu, ma kienx jiflaħ għat-tagħbija li normalment jiflaħ għaliha. Il-piż gross tal-vettura huwa ta' 6260 kilogrammi(GVW) (*the value specified as the maximum total loaded weight of a single vehicle*). Mingħajr il-piż tal-krejn, ix-*chassis* jiflaħ tagħbija fil-kaxxa ta' 3,760 kilogrammi. Bil-krejn, jiflaħ 1,760 kilogramm. Skont l-istess perit tekniku maħtur mill-Qorti:

"-it-trakk modifikat ma ntiżinx vojt qabel ma nbiegħ biex jiġi stabbilit il-*kerb weight* u allura kemm jista' jġorr piż.

"- illi ma jidhirx li kien hemm studju ta' kalkoli bażiċi biex l-*axle weight* ta' quddiem ma jinqabisx.

"- illi t-trakk tgħawweġ għax ġie mgħobbi iżżejjed.

---

[27] Affidavit ta' Magri a fol 69
[28] Fol 280

"- illi l-GVW li hemm imniżżel ċar fil-log book ta' 6260 kgs. Kellha tiġi osservata";

Ikkunsidrat:

**(IV) KUNSIDERAZZJONIJIET**

Illi min jallega jrid jipprova u għalhekk sta għall-konvenut li jipprova li x-xażi tgħawweġ minħabba użu ħażin mill-impjegati tal-attriċi. Dwar dan jistrieħ fuq ix-xhieda ta' David Pace, ex-impjegat tal-attriċi li wara li għaddew madwar sentejn mill-bejgħ u wara li kellu xi kwistjonijiet mal-attriċi, dehrlu li kellu minn jeddu jmur jagħmel affidavit li fih saħansitra għadda ġudizzju kontra l-attriċi, għalkemm la mill-affidavit innifsu u lanqas mill-kontro-eżami ma jirriżulta li ra xi impjegat juża' t-trakk b'mod ħażin. Dan apparti li ġie kontradett bil-kbir minn John Callus, il-Buġi. Il-konvenut isostni li dan mhux fededenju għaliex kien għadu impjegat tal-attriċi iżda lanqas dan ma rriżulta veru;

Illi l-konvenut jeċċepixxi, b'mod lakoniku, li ma kien hemm l-ebda difett moħbi. Jirriżulta mill-ittra elettronika tal-avukat tiegħu li qabel il-kawża allega li kienet kundizzjoni tal-bejgħ li x-xażi kellu jiġi nfurzat mill-attriċi. Wara li l-attriċi ċaħdet din l-allegazzjoni, il-konvenut biddel dak li jingħad fl-affidavit bi spjegazzjonijiet inverosimili għall-aħħar.

Illi mbagħad fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut jispjega l-eċċezzjoni tiegħu li ma kien hemm l-ebda difett moħbi billi jiċċita l-Artiklu 1425 tal-Kodiċi Ċivili u jsostni li Zammit tas-soċjeta attriċi ħadet magħha persuna esperta (Rapinett), eżaminat it-trakk, u allura messha indunat bid-difett. Issa Rapinett għalkemm għandu esperjenza tat-

tħaddim ta' trakk simili, bl-ebda mod ma jista' jissejjaħ espert, kif qal huwa stess. Skont l-Artiklu 1425, "Il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu";

Illi mir-rapport tal-inġinier Magri, jirriżulta li t-trakk kien oriġinarjament *refrigerated truck* iġifieri li wara kellu kaxxa-friġġ. Din tneħħiet u minflokha twaħħal il-krejn. Skont ir-regolamenti tal-ADT, din il-konverzjoni, billi hija waħda maġġuri, kellha tiġi ċċertifikata minn inġinier mekkaniku liċenzjat iżda meta staqsa għal dan iċ-ċertifikat il-konvenut ma pproduċiehx;

Illi minħabba l-mod ġeneriku ta' kif ġiet ikkonfezzjonata l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' difett moħbi, din il-Qorti sejra tqis (i) x'inhu difett moħbi u l-grad korrispondenti ta' diliġenza meħtieġa fix-xerrej u (ii) jekk id-diliġenza tistax titlob li x-xerrej iqabbad espert biex jeżamina l-ħaġa li jkun sejjer jixtri;

Illi skont l-Artiklu 1425 tal-Kodiċi Ċivili, "**il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti illi jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom <u>waħdu</u>**" – "***avrebbe potuto <u>da se stesso</u> conoscere***" kien jgħid it-test Taljan[29]. Disposizzjoni din oriġinali tal-istess Kodiċi, li qatt ma ġiet emendata jew mibdula. Sfortunatament, Dingli, il-*conditor* tal-Kodiċi, ma jgħid xejn dwar minn fejn ġieb din in-norma[30]. Skont sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1959 – **<u>Gerada v Attard</u> -** dan l-Artiklu jaqbel kelma b'kelma ma' disposizzjonijiet analogi fil-Kodiċi Taljan u l-Kodiċi Franċiż[31]. Il-Kodiċi Ċivili Franċiż, anke kif inhu llum wara emendi estensivi, jaqra

[29] Artiklu 1139 tal-Ordinanza VII.1868, imniżżel bħala Artiklu 1475 fil-Kap 23 u wara l-1984 ri-enumerat bħala Artiklu 1425 tal-Kodiċi Ċivili.
[30] Sir Adrian Dingli, Commenti e Fonti all'Ordinanza VII del 1868, H.M. Superior Courts, Malta 1967
[31] Giuseppe Gerada v Salvu Attard 06.11.1959 Qorti tal-Appell (kummerċjali)(S.T.O. Sir Anthony Mamo, Onor. A.J. Montanaro Gauci, Dr. A.V. Camilleri) Kollez. XLIII.i.545

hekk: "***Le vendeur n'est pas tenu des vices apparent et don't l'acheteur a pu se convaincre lui-meme***"[32] – u għalhekk baqa' identiku ghall-Artiklu 1425. Il-Kodiċi Taljan tal-1942 biddel id-disposizzjoni preċedenti li kien hemm fl-ewwel kodiċi ċivili Taljan, u llum jaqra hekk: "***Non e` dovuta la garanzia se al momento del contratto il compratore conosceva i vizi della cosa; parimenti non e` dovuta, se i vizi erano facilmente riconoscibili, salvo, in questo caso, che il venditore abbia dichiarato che la cosa era esente da vizi***"[33]**;**

Illi l-istess **Gerada v Attard** tgħid li l-maġġoranza tal-awturi kemm Taljani kif ukoll Franċiżi li kkumentaw fuq din il-liġi[34] jgħallmu li x-xerrej li ma jkunx jifhem huwa obbligat iqabbad espert; min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza Taljana u Franċiża kienet maqsuma fir-rigward. Imbagħad il-Qorti kkummentat hekk dwar il-ġurisprudenza Maltija: "… mill-eżami tal-ġurisprudenza tagħna wieħed jista' jirrikava illi l-idea prevalenti hi dik li, meta biex wieħed jasal biex jinduna bil-vizzju jkun hemm bżonn ta' għajn ta' espert, **hemm il-vizzju anki jekk l-espert ma ġiex imfittex**";

Illi minn żmien **Gerada v Attard** sallum, minn riċerka li għamlet din il-Qorti, jidher li l-ġurisprudenza Maltija xejn ma kienet waħda konkordi, u s-sentenzi huma maqsuma bejn dawk li jgħidu li x-xerrej huwa obbligat jitlob l-assistenza ta' espert u dawk li jwieġbu fin-negattiv. Din il-Qorti taqbel mal-orjentament li x-xerrej mhux obbligat iqabbad espert, kif espress mill-Qorti tal-Appell f'**Sanjic v Cachia**[35] ippronunzjata fit-2014:

[32] Artiklu 1642 tal-Code Civil Francais

[33] Artiklu 1491 tal-Codice Civile Taljan tal-1942

[34] Pacifici Mazzoni (Vol. V. Paġ 82); Laurent (Vol 24, paġ. 212); Tartufari, Codice di Commercio, Vol III, paġ. 391); Baudry-Lacantinerie u Saignat (Della Vendita e della Permuta paġ. 439) u saħansitra Pothier(Vente, N. 207) u Troplong (Della Vendita, paġ. 388). Tal-parir kuntrarju, u minoritajru kien hemm, fost l-oħrajn, il-Vidari.

[35] Bogoljub Sanjic v Scolastica Cachia 28.03.2014 Qorti tal-Appell (S.T.O. Silvio Camilleri, Onor. Tonio Mallia, Onor Joseph Azzopardi)

"… din il-Qorti ma taqbilx mal-pozizzjoni li ħadet l-ewwel Qorti fir-rigward. L-ewwel Qorti qalet li d-difett ma kienx okkult peress illi, bi ftit attenzjoni, il-perit tal-atturi, u l-istess atturi, setgħu jindunaw li kien hemm xi ħaġa ħażina fis-saqaf ta' kamra tal-fond in vendita, u dan peress li, kif qal il-perit, kienet "stramba" kif kien hemm travu mas-saqaf ta' kamra żgħira.

"Il-ligi, pero`, ma tesiġix li xerrej ta' fond jikkonsulta ruħu ma' perit arkitett biex dan jeżamina l-fond qabel ma jixtrih. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża klassika in materja, dik bl-ismijiet **<u>Florian v. Desira</u>**, deċiża fid-9 ta' Gunju 1969… il-vizzju hu okkult jekk ix-xerrej ma setax ikun jaf bihom waħdu; in-natura, apparenti jew okkulta, ta' difett għandha tiġi kkunsidrata in rapport tal-kapaċita` u konjizzjoni komuni tal-bnedmin u mhux biżżejjed biex id-difett jiġi ritenut apparenti, iċ-ċirkostanza li s-sussistanza tieghu tista' tiġi rilevata minn bniedem tal-arti jew perit (ara Kollez. Vol. XXXV.i.307; Vol. XXXIV.ii.612; Vol. XXXVIII.i.279 u Vol XXXIX.ii.549). Din il-Qorti qalet b'mod ċar illi 'assistenza teknika filwaqt tax-xiri mhux meħtieġ'.

"Din il-pozizzjoni hija sostenuta b'deċiżjonijiet oħra. Hekk, per eżempju, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **<u>Abela et v. Micallef</u>** et, deċiża fid-9 ta' Jannar 2012, qalet illi:

'In kwantu ghan-natura okkulta tad-difett hu paċifiku mill-ġurisprudenza illi d-difett ikun moħbi meta ma jkunx faċilment reperibbli għal bniedem mhux tas-sengħa' (ara **<u>Josephine Mallia vs Emanuel Abela et</u>**", App Civ 1.06.2007)…

"Rilevanti wkoll huwa dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawża **<u>Dimech v. Camilleri</u>**, deċiża fid-29 ta' Marzu 2012 fis-sens li gej:

'Din il-Qorti tqis din is-sottomissjoni bhala irrilevanti għaliex it-test tal-Art.1425 huwa ċar u inekwivoku fis-sens illi dak li huwa rilevanti mhuwiex x`jħ haddiehor sabiex id-difett isir apparenti (u allura ma jibqax moħbi) iżda l-kriterju determinanti huwa jekk ix-xerrej setax isir jaf bid-difett WAĦDU. Mela ladarba rriżulta li l-atturi ma setgħux jirriskontraw id-difett waħedhom għax ma kienx jidher (kif ikkonfermat l-istess konvenuta), huwa rrilevanti li magħhom kien hemm persuna teknika li setgħet taghmel aċċertamenti oħra li kienu jmorru oltre s-sempliċi kostatazzjoni *de visu*.'

"Fl-istess sens hija s-sentenza li tat din il-Qorti fil-25 ta' Settembru 2006 fil- kawza fl-ismijiet **Tabone v. Gauci**…".

"Wara kollox huwa obbligu tal-venditur li jara li jbiegħ oġġett fi stat tajjeb. Hu jrid jagixxi in bona fede u mhux jagħlaq ħalqu dwar ċerti kundizzjonijiet tal-istruttura. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawża **Barbara v. Camenzuli,** deċiża fl-20 ta' Ottubru 2005:

'F'kaz ta' bini, huwa d-dover tal-venditur, anke jekk ma kienx hu l-kostruttur, li jara li l-bini jkun "tajjeb" għall-iskop li għalih se jinbiegħ, f'dan il-każ, ta' residenza. L-obbligu li jara li kollox hu sewwa u in regola hu mixħut fuq il-venditur u mhux fuq ix-xerrej li, ħlief għaċ-ċirkustanzi li jidhru *ictu oculi* għandu dritt iħalli f'idejn il-venditur dwar il-vijabilita tal-oġġett' ";

Illi l-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana stabbiliet li għalkemm il-grad ta' diliġenza li jrid juża x-xerrej ma jistax jiġi stabbilit fl-astratt imma jrid jitqies fiċ-ċirkustanzi parikolari ta' kull każ, dan ma jfisser qatt li jsarraf fil-ħtieġa li jiġi mqabbad espert:

**Cass. civ. n. 2981/2012**

L'esclusione della garanzia nel caso di facile riconoscibilità dei vizi della cosa venduta, ai sensi dell'art. 1491 c.c., è applicazione del principio di autoresponsabilità e consegue all'inosservanza di un onere di diligenza del compratore in ordine alla rilevazione dei vizi che si presentino di semplice percezione. Pertanto, sebbene il grado della diligenza esigibile non possa essere predicato in astratto, ma debba essere apprezzato in relazione al caso concreto, avuto riguardo alle particolari circostanze della vendita, alla natura della cosa ed alla qualità dell'acquirente, è tuttavia da escludere che l'onere di diligenza del compratore debba spingersi sino al punto di postulare il ricorso all'opera di esperti o l'effettuazione di indagini penetranti ad opera di tecnici del settore, al fine di individuare il vizio.

*(Cassazione civile, Sez. II, sentenza n. 2981 del 27 febbraio 2012)*

**Cass. civ. n. 14277/1999**

Ai fini dell'esclusione della garanzia per i vizi della cosa venduta, l'art. 1491 c.c. non richiede il requisito dell'apparenza, ma quello della facile riconoscibilità del vizio. Pertanto, l'onere del compratore, quale risulta dal detto art. 1491 c.c., non postula una particolare competenza tecnica, né il ricorso all'opera di esperti, ma è circoscritto alla diligenza occorrente per rilevare i difetti di facile percezione

*(Cassazione civile, Sez. II, sentenza n. 14277 del 18 dicembre 1999)*;

Illi tabilħaqq, kif diġa` ngħad, it-test tal-liġi Taljana m'għadux identiku għat-test Malti u għalhekk forsi ma jkunx għal kollox leċitu li ssir riferenza għal dak li jgħidu l-qrati Taljani fir-rigward. Għall-kuntrarju, it-test tal-liġi Franċiża baqa' identiku, minkejja t-tibdiliet radikali li saru fil-parti tal-obbligazzjonijiet ta' dak il-kodiċi, ispirat minn Napuljun

Bonaparte. Il-pożizzjoni tal-ogħla Qorti Franċiża, dik tal-Kassazzjoni hi li x-xerrej m'għandux bżonn iqabbad espert, tant li nkassat deċiżjoni ta' Qorti li qalet bil-kontra għas-sempliċi raġuni li meta għamlet hekk, dik il-Qorti żiedet kundizzjoni li ma kinitx fil-liġi:

"*Ajoute a` l'article 1642 une condition qu'il ne prevoit pas, l'arret qui reticent que le vice n'est pas cache lorsqu'il est visible par un homme d'art auquel l'acquerer d'un immeuble doit fair appel*"[36];

Ikkunsidrat:

"Illi kif osservat il-Qorti ta' Napli fil-kawża **<u>Mari c Vlassoputo</u>**[37], "*la ricerca sulla natura dei vizii della cosa venduta, se cioe` occulti o apparenti, deve essere fatta non solo con criterio obiettivo, ma altresi` tenendo conto della pratica e delle cognizioni del compratore*"[38]. S'intendi ma' dan il-kriterju għandu jkun hemm ukoll l-eżerċizzju tad-diliġenza ordinarja użata mill-kumpratur fl-eżami tal-ħaġa li jkun sejjer jixtri; b'mod li, kif ikompli jinnota Ramella,[39] '*da non potersi dire che abbia prodecuto negligentemente*'"[40];

Ikkunsidrat:

Illi t-trakk in kwistjoni kien l-ewwel wieħed li xtrat l-attriċi u għalhekk ma kellhiex esperjenza fir-rigward. Għalhekk hija ħadet magħha lil Rupert Rapinett li kellu trakk simili. B'daqshekk ma jfissirx li kien

[36] Cass. 3e Civil 3 mai 1989: Bull. civ. III, no. 101, p. 56; D.1990, 117, note Tournafond; Defrenois 1990, 502, obs. Vermelle u sentenzi oħrajn iktar riċenti, iċċitati fil-Code Civil, Edition 2017, Annote' sous la direction de Laurent Leveneur, LexisNexis
[37] deċiża fil-21.06.1901
[38] Fadda, Giurisprudenza del Codice Civile Italiano, art. 1499, para 16
[39] Ramella, La Vendita nel Diritto Moderno Vol I, para 197
[40] Francesco Saverio Gatt v Paolo Azzopardi 05.02.1955 Prim'Awla

espert imma kellu esperjenza ta' madwar għaxar snin ma' dan it-tip ta' trakk iktar minn Zammit. Zammit u Rapinett ma llimitawx ruħhom għal li jagħtu sempliċi daqqa t'għajn fuq fuq tat-trakk. Raw li l-gabina u l-kaxxa tat-trakk kienu jogħlew; "dakinhar il-*high-up* armajnieh"[41], raw ix-xażi` [42] u l-bejjiegħ ħadhom dawra bil-trakk. "It-trakk kien tajjeb, pruvajnieh hemm hekk quddiemu, rikeb magħna hu". Ix-xhud ra li x-xażi` kien kif suppost; ma kienx mgħawweġ. Wieħed ma jistenniex li min mhux espert jinduna, billi jħares lejh, li x-xasi` kellu jkun irdublat. Skont il-konvenut stess, għamlu xi siegħa jispezzjonawh[43]. L-attriċi qalet li ħadhom dawra fit-triq u wriehom il-*high-up* kemm jogħla.[44] Rapinett qal: "Dort dawra miegħu, pruvajnilu l-gerijiet u l-*high-up*… Qlibnilu l-gabina biex iċċekkjajna l-magna. Ftaħnilu t-tapp taż-żewjt u hekk. Minn taħt ittawwalt ukoll. Dawk hux. Il-*high up* ftaħnih"[45];

Illi huwa minnu li Zammit, assistita minn Rapinett, ma ttestjatx il-*load*. Imma lanqas kieku ppruvawh għal ftit ħin ma setgħu jindunaw li x-xasi` kien dgħajjef; u għalkemm Rapinett ħares lejn ix-xasi` ma kienx sejjer jinduna li dan kellu xi difett. Lanqas l-inġinier Frederick Azzopardi – li hu espert - li ħareġ ċertifikat tal-OHSA wara li l-konvenut ikkonverta t-trakk u żebgħu, ma kien f'qagħda li jagħmel dan. Huwa rrimarka li kien diffiċli għalih li jeżamina sewwa x-xażi` għaliex kien miżbugħ u dan jgħatti ċerti difetti, bħal xquq. Mistoqsi mill-avukat tal-konvenut jekk, miżbugħ jew le, ix-xasi` huwa xi ħaġa li tarah, wieġeb hekk: "Imma x-xasi` fih ċertu welding ukoll. Jiġifieri kieku jiena idealment mhux miżbugħ, imma ovvjament jidher". Azzopardi xehed ukoll li għamel it-testijiet dwar il-piż; u li meta għamel dan ma sab xejn ħażin; imma li

---

[41] fol 182
[42] fol 183
[43] fol 72, affidavit tal-konvenut, paragrafu 6
[44] fol 86
[45] fol 92 xhieda ta' Rapinett

f'test t'għaxar minuti ma jfissirx li se jitgħawweġ ix-xasi` li aktarx jagħmel hekk wara ħafna żmien soġġett għall-istrapazz[46];

Illi għalhekk jirriżulta li Zammit għall-attriċi għamlet dawk il-konstatazzjonijiet dwar it-trakk li wieħed jistenna minn xerrej mhux espert, u li d-difett fit-trakk kien tali li mhux mistenni li Zammit, anke kif assistita, kellha tinduna bihom;

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi allegat li kien hemm diskrepanzi bejn it-trakk u d-deskrizzjoni li hemm fil-*log book* tiegħu. L-attriċi xtrat Ford Cargo. Iżda l-inġinier Magri sab li għalkemm il-kabina kienet Ford Cargo, il-kumplament tal-vettura kien Ford D series. Il-konvenut ċaħad li kien Ford D series; mil-log book jirriżulta li hu Ford Cargo.[47] Hekk ukoll ikkonkluda l-perit tekniku.[48] Magri qal li l-*body* fuq il-*logbook* kien għadu mmarkata bħala refrigerated truck imma qal ukoll li dik jista' jkun għax ma saritx *conversion* mal-ADT iġifieri xi ħaġa li tiġri[49]. Skont il-konvenut, il-konvenuta ma ppreżentatx id-*Discrepancy Note* u kien għalhekk li t-trakk baqa' rreġistrat bħala cargo refrigerator.[50] Illi għalhekk m'hemm l-ebda irregolarita` sinifikanti bejn il-log book u t-trakk li seħħet b'xi tort tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

**(V) Danni:**

---

[46] fol 240
[47] Fol 74, para 12 tal-affidavit tal-konvenut
[48] fol 285
[49] Fol 60
[50] Fol 73

Il-Kodiċi Ċivili jistipula hekk fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni:

**"1429.** (1) Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej.

"(2) Jekk il-bejjiegħ ma kienx jaf bid-difetti tal-ħaġa, hu obbligat biss irodd il-prezz u jħallas lix-xerrej l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgħ."

Illi mill-atti jirriżulta li l-konvenut kien jaf bid-difett;

Illi l-prezz kien ta' €16,000 li minnhom tħallsu €12,000 konsistenti fi tlett kambjali ta' €4,000 il-waħda;

Illi bħala danni, l-attriċi ppruvat li sofriet ħlasijiet lil terzi biex jagħmlu xogħol fdat lilha fl-ammont globali ta' €2,195.67[51];

Illi l-attriċi talbet ukoll bħala dannu l-prezz ta' trakk ieħor li kellha tixtri. Dan iżda ma jistax jitqies bħala parti mid-danni.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti:

(1) tiddikjara li t-trakk EBA 235, illum GLS 017 huwa milqut b'difetti moħbija u serji li jġibuh mhux tajjeb għall-għan li għalih inxtara mill-attriċi mingħand il-konvenut.

[51] fol 126 u fol 145

(2) tiddikjara rexiss dan il-bejgħ.

(3) tikkundanna lill-konvenut jirrifondi €12,000 rappreżentanti l-parti mill-prezz li laħaq tħallas.

(4) tordna li jiġu mħassra kwalunkwe kambjali pendenti u dovuti dwar l-imsemmi bejgħ.

(5) tillikwida d-danni fis-somma ta' €2,195.67.

(6) tikkundanna lill-konvenut iħallas l-istess somma ta' €14,195.67.

Bl-imgħaxijiet mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv u bl-ispejjeż a kariku tal-konvenut.

Onor. Imħallef
Grazio Mercieca